**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 151, 152 tal-Kap 9 u 14 u 15**
**tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Denise Mula**
v

**ABDUL AL HAFIS RABIQ AHMAD MOHAMAD ALIAS KONCH MAMILAS**

**Seduta ta' llum, 13 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABDUL AL HAFIS RABIQ AHMAD MOHAMAD ALIAS KONCH MAMILAS** ta' nazzjonalita` Sudaniza ta' sitta u ghoxrin sena, imwield Karthoum, bin Rabiq u Aloi u detentur ta' numru tal-passaport mhux maghruf gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar id-disgha u ghoxrin ta' Mejju, 2002 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu harab mill-post ta' kustodja pubbliku, u talli fl-istess data u

cirkostanzi ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija ghall-xahar sospiza ghall-sena, moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata tlieta (3) ta' Novembru, 2001 liema sentenza definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu a tenur ta' l-artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 151, 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tnax ta' Settembru, 2002.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu

giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fis-seduta tat-tnax ta' Settembru, 2002 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu u l-interpretu nominat mill-Qorti kif del resto jirrizulta minn ezami tal-istess verbal. Dan sar sabiex jigi segwit skrupolozament il-procedura korretta kif prevista f'kaz ta' ammissjoni fl-artikolu 392 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk qabel ma ghaddiet biex taghti sentenza, kif kellha kull obbligu taghmel, semghet il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza fuq il-piena.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti fosthom sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-tlieta ta' Novembru, 2001 minn fejn jirrizulta illi l-imputat odjern kien instab hati b'din l-istess sentenza u nghata piena ta' xahar prigunerija sospiza ghall-sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 (A) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li huwa l-imputat li ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u minn ezami tal-istess jirrizulta illi l-imputat ghandu reat registrat fuqha u ghalhekk ma ghandux jitqies bhala first time offender.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tac-cirkostanzi u cioe` li l-imputat harab minn post ta' detenzjoni waqt li kien qed jistenna li l-applikazzjoni tieghu ghar-refugee status tigi processata.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat ABDUL AL HAFIS RABIQ AHMAD MOHAMAD ALIAS KONCH MAMILAS hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, qed tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sitt xhur pero oltre dan tordna illi x-xahar prigunerija li l-imputat gie ikkundannat jaghmel b'sentenza moghtija fit-tlieta ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet il-Pulizija vs Jarvis Elbagi Ersheen Datro et mill-Qorti tal-Magistrati tigi resa operattiva.**

**Oltre dan qed tiddikjara lil imputat bhala immigrant pprojbit u ai terminu ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 217 TAL-Ligijiet**

**ta' Malta tordna li jinhareg ordni ta' tkeccija fil-konfront tieghu una volta jiskonta t-termini ta' prigunerija moghti b'din s-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti processwali jintbaghtu lill-Avukat Generali in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**